MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 317/2008

Rikors Numru 317/2008 FDP

Raymond Cutajar
(ID 254262 M)

vs

Jonathan Agius
(ID 124781 M)

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fid-19 ta’ Settembru 2008 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill intimat ihallsu s-somma ta’ erba’ t’elef, mija u tnejn u disghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€4,192.87) rapprezentanti bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma’ self maghmul lilu mir-rikorrenti skond

skrittura datata 13 ta’ Gunju 2005, liema somma kellha tithallas lura permezz ta’ pagamenti rateali ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200) fix-xahar, izda li ghaliha l-ahhar hlas sar f’Settembru 2006 u ghalhekk kien moruz mil-pagamenti.

Rat illi fit-2 ta’ Marzu 2009 l-intimat irrisponda ghal dak mitlub mir-rikorrenti billi sahaq illi huwa ma kellu jhallas ebda flejjes lir-rikorrent peress illi dak kollu minnu dovut kien gia imhallas kollu.

Rat ix-xhieda ta’ Raymond Cutajar moghtija fil-5 ta’ Mejju 2009 fejn huwa stqarr illi l-intimat kien lavrant tieghu u, f’mument minnhom, kien talbu Lm5,000 u dana sellifhomlu permezz ta’ skrittura iffirmata quddiem in-Nutar Mario Bugeja. Stqarr ukoll illi kien jiffirmalu meta jaghmillu l-pagamenti Agius imma ikkonferma li l-pagamenti kollha ma sarux u ghalhekk ghamel il-kawza.

Rat ix-xhieda tan-Nutar Mario Bugeja moghtija fil-5 ta’ Mejju 2009 illi kkonferma li kienet saret skrittura bejn il-partijiet ta’ self ta’ flus, u, filwaqt illi, in ezami, sahaq illi tali skritura giet iffirmata quddiemu, in kontro ezami qal li seta kien li tali skrittura giet iffirmata quddiem nutar iehor illi ghandu tahdem fl-ufficju tieghu u mhux quddiemu.

Rat ix-xhieda tal-intimat Jonathan Agius moghtija fis-17 ta’ Novembru 2009 u fil-5 ta’ Ottubru 2010 illi fiha huwa stqarr illi ried jissellef Lm4,000 minghand r-rikorrent li, minn naha tieghu, qabel ili jselliflu tali flejjes, b’dan illi jitnizzel li ssellef Lm5,000, u li kellu jhallashom lura permezz ta’ pagamenti rateali ta’ Lm200 fix-xahar. Huwa stqarr illi kull meta kien ihallas, ir-rikrorent kien jiffirma fuq karta illi kellhom bejniethom. Wara illi kien sar l-ahhar pagament, l-intimat jghid illi kien talab lir-rikorrent jaghtih karta li turi li kien hallas kollox minghand in-nutar, u, sabiex jinghata din, ir-rikorrent kien talbu jghaddilu l-karta bil-firem tal-pagamenti sabiex jghaddiha lin-nutar bhala prova li saru l-pagamenti. L-intimat, wara illi ha kopja ta’ tali dokument, illi esebixxa lill-Qorti, ghadda tali dokument lir-rikorrenti, izda qatt ma rceiva ebda dokument kien kien talab izda, minflok, kien ircieva telefonata minn terza persuna illi kien qallu illi issa kellu jhallas il-bilanc lilu u

mhux lir-rikorrent u illi, kien mhedded li b'xi mod jew iehor, l-intimat kien ser ihallas dak dovut.

Rat illi fil-5 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrent talab illi jitqabbad espert kalligrfu biex jezamina d-dokument esebit mill-intimat u li abbazi tieghu l-intimat qieghed jallega illi huwa ghamel il-pagamenti kollha.

Rat illi fil-5 ta' Ottubru 2012, ir-rapport tal-espert kalligrafu Juliana Scerri Ferrante gieipprezentat u sussegwentement xehdet dwaru fis-26 ta' Novembru 2012 in eskussjoni.

Rat illi permezz ta' digriet datat 24 ta' Jannar 2013, dina l-Qorti ordnat lir-rikorrent jesebixxi l-kopja originali tad-dokument esebit mill-intimat u li fuqu bbazat il-konkluzjonijiet taghha l-espert kalligrafu.

Rat illi fit-22 ta' Frar 2013, ir-rikorrent, flok ma esebixxa d-dokument ordnat mill-Qorti, esebixxa dokumenti illi kien attwalment talab li jippresenta precendentement permezz ta' rikors ta' l-10 ta' Dicembru 2012 u li dina l-Qorti kienet irriservat li tipprovdi dwarhom <u>wara</u> ili jipprezenta d-dokument bil-firem fuq gia imsemmi.

Rat illi fil-25 ta' Frar 2013, il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument ipprezentati fit-22 ta' Frar 2013, peress illi l-prezentata taghhom ma kienx awtorizzat.

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-4 ta' Marzu 2013 fejn esebixxa l-original tad-dokument inizzjalment ipprezentat mir-rikorrent mal-att promotur, illi ma jinkludix il-firem kif jidher fil-kopja tad-dokument esebit mill-intimat, f'liema rikors talab li dina l-Qorti tirrikonsidra l-isfilz tad-dokumenti sfilzati, liema rikors gie michud fis-7 ta' Marzu 2013.

Ikkunsidrat

Illi, fil-kaz odjern, jirrizulta mhux kkontestat illi r-rikorrent sellef lill-intimat l-ammont ta' hames t'elef Liri Maltin. Filwaqt illi r-rikorrent jghid illi l-intimat ried jissellef dak l-

ammont kollu, l-intimat stqarr illi huwa attwalment ried jissellef erba’ t’elef Liri Maltin izda r-rikorrent qallu li biex jaghtih dawk il-flus kellu jitnizzel li ghaddhielu hames t’elef Liri Maltin.

Illi, fuq tali punt, il-Qorti taghmel referenza ghall-iskrittura illi gie iffirmata mill-partijiet, allegatament quddiem in-Nutar Mario Bugeja, fejn l-iskrittura taghmel referenza ghall ammont illi kien ser jissellef l-intimat izda ma taghmel ebda provizzjoni ghal imghax dovut. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, salv f’kaz illi r-rikorrent ghandu xi tendenzi filantropici li, del resto, ma gewx ippruvati, huma kemmxejn inkoncepibbli li wiehed isellef il-flus fuq medda ta’ sentejn minghajr ma jitlob imghax fuq dak misluf. Ghalhekk, il-Qorti hija aktar predisposta temmen il-verzjoni tal-intimat li attwalment ried Lm4,000 u tnizzel li ha Lm5,000 sabiex dina tinkludi l-imghax li qed jitlob r-rikorrent, illi, f’dana il-kaz, imur ferm oltre dak legali.

Illi, ikkunsidrat tali fatt, wiehed irid jara il-modalita’ tal-pagamenti u kif tali pagamenti gew b’xi mod registrati mill-partijiet.

Ir-rikorrent, fir-rikors promotur tieghu esebixxa fotokopja ta’ rendikont, li sussegwentement ipprezenta l-original tieghu, liema rendikont juri vlegeg hdejn il-pagamenti illi allegatament ircieva r-rikorrent, b’mod illi jidher li kien fadal bilanc ta’ Lm1,800, ekwivalenti ghas-somma mitluba fir-rikors propmotur.

L-intimat, da parte tieghu, esebixxa kopja ta’ rendikont illi huwa kellu fil-pussess tieghu, li l-original tieghu huwa sahaq li ghadda lir-rikorrent fl-ahhar tal-pagamenti, fuq talba tal-istess rikorrenti, f’liema rendikont jidher illi hemm il-firma tar-rikorrent hdejn kull pagament dovut b’mod illi jidher illi l-ammont kollu dovut lir-rikorrent mill-intimat attwalment thallas.

Illi dina l-Qorti, fuq talba tar-rikorrent stess, kienet qabbdet espert kalligrafu sabiex jezamina tali dokument. L-espert kalligrafu, wara illi hadet konjizzjoni tad-dokument esebit mill-intimat quddiem dina l-Qorti u rat diversi firem tar-

rikorrenti maghmulha mill-istess rikorrenti fuq medda ta' zmien, u dana abbazi ta' dokumenti esebiti mill-istess rikorrent fuq talba tal-espert kalligrafu, ikkonkludiet illi l-probabilta' kienet li l-firem li kien hemm fuq id-dokument tal-intimat kienu originali u kienu tar-rikorrent.

Illi, in vista ta' tali konkluzjonjiet tal-espert kalligrafu, u anke in vista tat-talbiet sussegwenti tar-rikorrent biex jippresenta dokumenti ulterjuri wara l-eghluq tal-istadju tal-provi, liema dokumenti kienu intizi sabiex jiskreditaw lill-intimat, il-Qorti kienet ordnat lir-rikorrent sabiex jesebixxi l-original tad-dokument esebit mill-intimat, peress illi dana kien fil-pussess tieghu, izda r-rikorrenti baqa' ma ppresentax tali dokument, izda ppresenta l-original tad-dokument li fih minflok il-firma tieghu kien hemm vlegeg.

Illi, tenut kont tal-konkluzjonjiet milhuqa mill-espert kalligrafu appuntata fuq talba tar-rikorrent stess, u tal fatt illi r-rikorrent baqa' qatt ma ippresenta l-original tad-dokument ippresentat mill-intimat u li tieghu r-rikorrent qatt ma kkontesta li loriginal inghadda lilu, il-Qorti ma tistax ma taccettax il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert kalligrafu bhala konkluzjonijiet taghha wkoll.

Illi finalment, dwar xhieda ppresentati, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi filwaqt illi r-rikorrent sahaq li l-ftehim gie iffirmat quddiem in-Nutar Mario Bugeja, liema fatt inizzjalment gie anke ikkonfermat mill-istess Nutar Bugeja, irrizulta li attwalment tali ftehim ma giex iffirmat quddiem in-Nutar Bugeja izda quddiem persuna ohra li l-intimat iddeskriva bhala -segretarja tan-Nutar Bugeja filwaqt illi n-nutar Bugeja ddeskirviha bhala nutar ohra li tahdem mieghu. Tali inkonsistenza fix-xhieda timmilita favur l-intimat fl-assjem tal-provi prodotti quddiem dina l-Qorti.

Konkluzjoni
Il-Qorti
Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiema u rat ix-xhieda ipprezentati

Wara illi semghet ix-xhieda tal-espert kalligrafu Juliaan Scerri Ferrante minnha imqabbda fuq talba tar-rikorrent u rat ir-rapport minnha redatt.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u ghalhekk

Tichad it-talba attrici bl-ispejjez kolha r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------